# Min jien bħala *learner*?




Attività 3:

Spjega kif tħares lejk innifsek bħala *learner* (kif titgħallem l-aħjar, fejn titgħallem l-aktar, kif turi lill-oħrajn x'taf eċċ.) billi tagħżel waħda minn dawn –

i) oħloq monologu permezz tal-użu ta' pupu forma ta' kalzetta

ii) oħloq *collage* permezz tal-użu tar-rivisti

iii) tpinġu *storyboard* fuq il-karti mogħtijin

Ħin: 12-il minuta

Aqsam xogħlok fil-grupp

Ħin: 3 minuti kull wieħed/ waħda

Mistoqsijiet Riflessivi:

- Għaliex għażilt tip ta' attività u mhux oħra?
- Ħassejtek komdu/a jew frustrat/a tagħmilha? Għaliex?
- Kieku kellek għażla oħra, kif kont tinterpreta lilek innifsek bħala *learner*? Għaliex?

Ħin: 3 minuti kull wieħed/ waħda

Aqsam xogħlok fil-grupp kollu (2 voluntiera)

Ħin: 4 minuti kull wieħed/ waħda

# Il-*Learning Patterns*



Ċentru Let Me Learn Malta 2011

Il-*learning patterns* li nużaw...




...interazzjoni kontinwa u influwenti

# Sekwenza

## ordni u konsistenza




L-individwu jkun jeħtieġ:

- **direzzjonijiet ċari u eżempji**

**"Insibha diffiċli meta ma nkunx naf x'se nagħmlu."**

- **ippjanar**

**"Nagħmel numru ta' listi dwar x'irrid nagħmel u nimxi pass pass magħhom. "**

- **ħin biex ilesti xogħlu kif ippjanat u jipprattika**

**"Għandi bżonn biżżejjed ħin biex inlesti biċċa xogħol u nistudja."**

- **organizzazzjoni u pulitizza**

**"Xogħol ta' kafkaf li jkun sar bil-għaġġla veru jdejjaqni. Aħjar ma nagħmel xejn mill-ewwel!"**

# Jekk is-Sekwenza tkun għolja...

...xi drabi l-istess individwu:

- **jitlef wisq ħin jipprova jifhem wisq x'inhu mitlub minnu tant li jħalli ftit żmien għat-tlestija tax-xogħol mistenni**
- **ma jirnexxilux jibda jekk m'għandux pjan**
- **jsib diffikultà jitlaq mill-pjan li fassal biex jesperimenta b'ideat ġodda jew jibda xogħol ieħor**



# Preċiżjoni

## dettall u informazzjoni

L-individwu jkun jeħtieġ:



- **informazzjoni dettaljata u eżatta**

"Imma xi tfisser eżatt dik il-kelma, minn fejn ġejja?"

- **jistaqsi ħafna mistoqsijiet**

"Naf kemm naf qatt mhu biżżejjed! Nippreferi li jweġbuni b'mod preċiż."

- **opportunitajiet fejn jikteb u jispjega fit-tul**

"Nieħu noti dettaljati biex ikolli fuq xiex nirrevedi. Inħossni komdu nikteb... hekk biss inkun ċert li dak li kelli ngħid, għidtu kollu!"

- **ħin biex jiċċekkja xogħlu għal xi żbalji jew informazzjoni nieqsa**

"L-iżbalji veru jdejquni! Nirrevedi xogħli sal-aħħar minuta għax il-ħsieb li ma tajtux kif suppost ikissirni minn ġewwa!"

# Jekk il-Preċiżjoni tkun għolja...

...xi drabi l-istess individwu:

- **jitlef wisq ħin ifittex l-informazzjoni**
- **ma jħossx li għandu tagħrif biżżejjed biex ilesti x-xogħol mistenni fl-aħjar mod mixtieq minnu**
- **jinkwieta żżejjed dwar jekk tax tweġibiet mill-aktar sodisfaċenti għall-mistoqsijiet li kellu**
- **Jista' jintilef fid-dettalji u ma jagħtix k tal-punti ewlenin**



# Teknika

## rilevanza, snajja, taħbil il-moħħ u awtonomija



L-individwu jkun jeħtieġ:

- **tagħlim applikat marbut mal-esperjenzi tal-ħajja**

  "Ħallini nesperimenta, nara kif l-affarijiet jaħdmu fir-realtà!"

- **ħidma li ssir bl-użu tal-idejn u l-għodod**

  "Nippreferi nibni l-mudelli minflok naqra u nikteb!"
  "Nara biċċa għodda u nkun naf kif taħdem u għal xiex tintuża."

- **attivitajiet li jinvolvu t-taħbil il-moħħ u s-sejba ta' soluzzjonijiet prattiċi**

  "Ħafna drabi jsejħuli biex insolvi l-intoppi li jinqalgħu fil-ħidma ta' proġett."

- **opportunitajiet fejn jaħdem waħdu**

  "Nippreferi naħdem waħdi mingħajr indħil ta' ħadd!"

# Jekk it-Teknika tkun għolja...

...xi drabi l-istess individwu:

- **jevita li joqgħod attent u jagħmel ħiltu jekk ma jarax rilevanza fit-tagħlim offrut**
- **jeħtieġ perjodi ta' waqfien mix-xogħol kull tant ħin, fejn jista' jinvolvi ruħu f'xi attività fiżika, bil-għan li jerġa' jpoġġi bil-kalma u jlesti xogħlu**
- **jsib diffikultà jikteb fit-tul**
- **jiddejjaq jaħdem fi grupp**



# Konfluwenza

## oriġinalità, intwizzjoni u spontanjetà



L-individwu jkun jeħtieġ:

- **jara l-istampa sħiħa aktar milli l-partijiet ta' pjan**

  **"Nippreferi nkun naf fejn se twassalni idea aktar milli kif se nasal għaliha."**

- **jaħdem mill-ewwel u jistaqsi għad-direzzjonijiet wara**

  **"Niddejjaq nistenna... nibda u fejn ma nafx, niskopri kif!"**

- **spazju fejn jesprimi l-ideat oriġinali tiegħu u jirriskja bihom**

  **"Ħafna drabi nħossni marbut bl-ideat ta' ħaddieħor. Nippreferi nuża tiegħi!"**

- **opportunijiet fejn juri x'jaf b'mod artistiku, quddiem udjenza**

  **"L-hena tiegħi nirreċta u nsib modi differenti kif nagħmel l-istess ħaġa!"**

# Jekk il-Konfluwenza tkun għolja...

...xi drabi l-istess individwu:

- **ddejqu r-ripetizzjoni u jħossu wisq maqbud fl-ideat ta' ħaddieħor**

- **jitlef faċilment l-interess f'dak li jkun qed jagħmel u jibda xogħol ieħor mingħajr ma jlesti dak ta' qabel**

- **Jista' jitlaq b'raġunament żbaljat sa mill-bidu ta' ħidmitu**

- **jkollu wisq ideat u jsib diffikultà jagħ idea li kapaċi jaħdem l-aktar fuqha**



# L-utilità tal-*learning patterns*

- Joħolqu diversita` billi jinfluwenzaw il-mod kif kull wieħed minna jħares lejn id-dinja ta' madwaru;

- Jgħinuna nifhmu min aħna bħala 'learners' billi jitfgħu dawl fuq l-għaliex naħsbu, nħossu u naġixxu bil-mod tipiku tagħna;

- Jgħinuna nifhmu aħjar min huma l-persuni ta' madwarna u għalhekk itejbu r-relazzjonijiet komunikattivi ta' bejnietna;

- Iressquna iktar lejn il-kisba ta' suċċess kemm fil-qasam edukattiv, fil-ħajja personali, kif ukoll fid-dinja tax-xogħol.



# Implikazzjonijiet

Kif taħseb li dan l-għarfien jaffettwa:

- **il-ħajja personali tiegħek**

  - x'impatt għandhom l-iskors tiegħek fuq ir-relazzjonijiet familjari tiegħek?

- **il-ħajja professjonali tiegħek**

  - kif jaffettaw il-mod ta' kif tagħti l-lezzjonijiet?
  - x'impatt għandhom l-iskors tiegħek fuq l-aspettattivi li tistenna mill-istudenti tiegħek, il-komunikazzjoni tiegħek magħhom?

